



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11082/23

LIMITE

COJUR 26
CFSP/PESC 927
RELEX 794
COEST 385

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10354/1/23 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR IL-QORTI KRIMINALI INTERNAZZJONALI FL-OKKAŻJONI
TAL-25 ANNIVERSARJU TAL-ADOZZJONI TAL-ISTATUT TA' RUMA**

1. Fil-25 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiċċelebraw il-kontribut kruċjali tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) għall-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar delitti serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Illum, il-Kunsill itenni l-appoġġ kostanti tiegħu għall-QKI għar-rwol ċentrali tagħha biex issir ġustizzja mal-vittmi fis-sitwazzjonijiet kollha taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha.
2. L-Unjoni Ewropea ilha sostenitur kostanti tal-Qorti sa min-nisel tagħha. Bħala l-ewwel u l-unika qorti kriminali internazzjonali permanenti fid-dinja għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar delitti internazzjonali serji, il-QKI turi d-determinazzjoni tal-komunità internazzjonali li ttemm l-impunità għall-aktar atroċitajiet faħxija u li trawwem kultura ta' rfiġh tar-responsabbiltà, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali.
3. Il-25 anniversarju tal-Istatut ta' Ruma huwa opportunità unika mhux biss biex jitwieżnu l-ħafna kisbiet tal-QKI, iżda wkoll biex jiġi affermat mill-ġdid l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-ġejjieni tagħha. Għadu qed isir progress konsiderevoli fl-attivitajiet tal-Qorti fosthom eżamijiet preliminari, investigazzjonijiet, u proċedimenti ġudizzjarji. Illum, il-QKI hija involuta fi 17-il sitwazzjoni, madwar id-dinja kollha, u hemm għadd rekord ta' kawżi attivi fil-proċedimenti tal-qorti.
4. Is-sitwazzjonijiet kollha fejn jidher li twettqu l-aktar delitti serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali jistħoqqilhom l-akbar attenzjoni tagħna. Il-Kunsill huwa konvint li l-QKI, f'konformità mal-prinċipju ta' komplementarjetà, ser twettaq ġustizzja mal-vittmi kullimkien.
5. Għaddejja gwerra fil-kontinent Ewropew. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2022 dwar l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-aktar delitti serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

6. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti tal-Qorti biex issir ġustizzja mal-vittmi ta' delitti atroċi, billi tagħtihom leħen billi tagħmel possibbli s-sehem tagħhom fil-proċedimenti tagħha, tagħtihom assistenza u tagħti reparazzjonijiet. Il-Fond Fiduċjarju tal-Qorti għall-Vittmi ta' assistenza lil għexieren ta' eluf ta' vittmi friabilitazzjoni fiżika u psikoloġika u f'għajnuna materjali. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Parti u oħrajn biex jappoġġaw u jkomplu jappoġġaw lill-Fond Fiduċjarju għall-Vittmi.
7. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol fundamentali tas-soċjetà ċivili fl-istabbiliment u l-funzjonament tal-QKI u fl-appoġġ tal-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja. Din is-sena timmarka wkoll il-25 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jħares l-ispazju tas-soċjetà ċivili, inkluż billi jwieġeb għat-theddid għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li jinsabu fuq quddiem nett tal-isforzi għall-ġustizzja.
8. Fit-tmexxija tal-ġlieda kontra l-impunità, il-QKI għandha tkun tista' taħdem b'mod indipendenti u imparzjali. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li taħdem flimkien mal-Istati Parti kollha, u sħab oħra madwar id-dinja, biex tappoġġa lill-Qorti u biex tippreserva u ttrrispetta l-indipendenza tal-Qorti u l-integrità tal-Istatut ta' Ruma. Kwalunkwe theddida kontra l-Qorti, il-persunal tagħha u dawk involuti fil-ħidma tal-QKI mhijiex aċċettabbli.
9. L-Unjoni Ewropea hija impenjata għall-funzjonament effettiv tal-QKI. Fl-2006, l-UE saret l-ewwel organizzazzjoni reġjonali li kkonkludiet ftehim dwar il-kooperazzjoni mal-Qorti. Kooperazzjoni sħiħa mal-QKI hija prerekwiżit għall-effettività tal-Qorti. Il-Kunsill jinnota li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jikkostitwixxi sfida serja għall-QKI.
10. Il-Kunsill jappella lill-Istati kollha jiżguraw kooperazzjoni sħiħa mal-Qorti, inkluż permezz tal-eżekuzzjoni fil-pront ta' mandati ta' arrest pendenti, u jidħlu fi ftehimiet volontarji. Il-protezzjoni u r-rilokazzjoni tal-vittmi u x-xhieda, ir-rilaxx interim u finali u l-infurzar tas-sentenzi huma kollha partijiet integrali mill-proċedura kriminali internazzjonali, u l-piż rilevanti għandu jinqasam b'mod ekwu fost l-Istati Parti inkluż, kif xieraq, permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni volontarja.

11. Il-prinċipji tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI, kif ukoll daww li jirregolaw il-funzjonament tagħha, huma kompletament konformi mal-prinċipji u l-oġġettivi tal-UE. Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli u jgħed l-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-universalità u jippreserva l-integrità tal-Istatut ta' Ruma. L-Unjoni Ewropea tteggieg lil daww l-Istati li għadhom ma għamlux hekk, fosthom pajjiżi kandidati tal-UE, biex b'mod urġenti jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma jew jaderixxu għalih u biex itemmu l-impunità għad-delitti l-aktar serji. Tistieden ukoll lill-Istati Parti, wara li jkunu qiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, biex jikkunsidraw jekk jirratifikawx jew jaċċettawx l-emendi tal-Istatut ta' Ruma.
12. Il-Kunsill ser ikompli l-isforzi tiegħu biex il-QKI tkompli tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika interna u esterna tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-Qorti ssir parti integrali mid-diskussjonijiet tiegħu dwar id-dritt umanitarju internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem, it-tiswir tal-paċi u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, u jtenni l-impenn tiegħu li jagħti appoġġ diplomatiku kostanti lill-Qorti biex jiġi żgurat li tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifaħħar il-konċentrazzjoni speċjali tal-mandat u l-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u fuq l-appoġġ għall-ġustizzja kriminali internazzjonali u jilqa' t-tkomplija tal-enfasi tar-Rappreżentant Speċjali fuq dawn il-kwistjonijiet.
13. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li l-Qorti tingħata r-riżorsi finanzjarji meħtieġa u sostenibbli, biex jiġi żgurat li l-organi tagħha jkunu jistgħu jaqdu r-rwoli rispettivi tagħhom b'mod robust u konsistenti fis-sitwazzjonijiet kollha fi ħdan il-mandat dinji tal-Qorti. Il-Kunsill jappella lill-Istati Parti kollha għall-Istatut ta' Ruma biex iħallu l-kontribuzzjonijiet tagħhom b'mod sħiħ u fil-ħin u biex iħallu minnufih kwalunkwe arretrati dovuti.
14. Il-proċess ta' rieżami tal-funzjonament tal-Qorti huwa possibbiltà unika biex tissaħħaħ is-sistema tad-dritt kriminali internazzjonali u biex il-Qorti ssir aktar effiċjenti u effettiva. Il-Kunsill ifaħħar id-dedikazzjoni li ntweriet mill-Qorti matul dan il-proċess. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-QKI u lill-Istati Parti jkomplu bil-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti, bir-rispett mistħoqq għall-indipendenza tal-prosekuzzjoni u ġudizzjarja tal-Qorti. L-Unjoni Ewropea tagħti importanza partikolari lill-promozzjoni ta' governanza tajba u kultura tax-xogħol b'saħħitha, li tiżgura wkoll l-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill jieħu nota tat-tisħiħ tal-politiki dwar il-ġeneru fil-QKI permezz tal-Istrateġija l-għdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Kultura tal-Post tax-Xogħol.

15. Il-Kunsill ifaħħar u jkompli jinkoraġġixxi l-isforzi tal-Qorti biex tintegra perspettiva tal-ġeneru u tal-età fil-ħidma investigattiva, ta' prosekuzzjoni u ġudizzjarja tagħha. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Qorti tkompli ssaħħa l-integrazzjoni fil-ġbir ta' evidenza ta' approċċi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u bit-tfal fil-qalba tagħhom.
16. Il-Kunsill ifakkar li l-QKI hija qorti tal-aħħar għażla li tikkomplementa l-qrati nazzjonali u mhux tieħu posthom. Il-Kunsill għaldaqstant jenfasizza l-importanza tal-komplementarjetà u l-kooperazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u l-Qorti bħala waħda mill-aktar elementi importanti tal-Istatut ta' Ruma. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza r-rwol tan-Network tal-UE dwar il-Ġenoċidju fit-tisħiħ ta' din il-kooperazzjoni u fil-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri tal-UE. L-UE tħeġġeġ lill-Istati Parti jadottaw il-leġislazzjoni nazzjonali meħtieġa li tiddefinixxi d-delitti internazzjonali, filwaqt li toħloq jew issaħħa unitajiet speċjalizzati fid-delitti tal-gwerra u żżid il-kooperazzjoni fost l-Istati.
17. L-Unjoni Ewropea tinsisti fuq l-importanza fundamentali li jiġu eletti l-aktar imħallfin u uffiċjali kwalifikati għall-Qorti permezz ta' elezzjonijiet ġusti, trasparenti u bbażati fuq il-mertu, f'konformità mal-Istatut ta' Ruma, biex tiġi żgurata l-kwalità tad-deċizzjonijiet ġudizzjarji u biex tiżdied aktar il-fiduċja fil-kapaċità u l-imparzjalità tal-istituzzjoni biex tagħmel ġustizzja. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Parti jsegwu proċeduri nazzjonali ta' nomina rigorużi u trasparenti meta jippreżentaw kandidati ġudizzjarji. Proċess kredibbli u trasparenti ta' elezzjoni, li jinkludi skrutinju, huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-leġittimità tal-Qorti.
18. Il-25 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma jippreżenta opportunità biex isir progress fil-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar delitti serji u biex jissaħħa l-istat tad-dritt. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-Istati Parti biex ifakkru dan l-anniversarju b'diversi avvenimenti li qed isiru madwar id-dinja b'ċelebrazzjoni tal-avvanz tal-ġustizzja kriminali internazzjonali. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu l-għarfien dwar il-QKI u l-Istatut ta' Ruma. L-Unjoni Ewropea tieħu din l-opportunità biex ittenni l-impenn kostanti tagħha għall-indipendenza u l-imparzjalità tal-QKI, u r-rwol ċentrali tagħha fil-ġlieda dinjija kontra l-impunità.